26 ta' April, 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.;

Maria Galea pr. et ne. *versus* Luigi Galea

**Alimenti — Mara — Kuratriċi "ad litem" — Nota tal-Appell — Nullità**

*Jekk mara li tkun għamlet kawża għall-alimenti kontra żewġha fl-isem tagħha proprju u bħala kuratriċi "ad litem" ta' uliedha minorenni, jiġifieri għall-alimenti tagħha u ta' dawk uliedha, tappella mis-sentenza li tingħata fuq dik it-talba tagħha, imma, fil-waqt illi fin-nota tal-appell tidher hija f'isimha biss, fil-petizzjoni tidher hija f'isimha u bħala kuratriċi "ad litem" ta' uliedha, hija ma tistgħax tipprosegwi dak l-appell f'isem uliedha.*

*Għaliex l-appell, skond il-liġi, jiġi nterpost bin-nota; u ladarba fin-nota tal-appell dik il-mara dehret biss għaliha nnfisha, u mhux ukoll bħala kuratriċi "ad litem" ta' uliedha, bil-petizzjoni li hija tagħmel f'isem uliedha tkun qegħdha testendi l-appell għal interessi li għalihom ma sarx appell.*

*Għaldaqstant dak l-appell, għall-parti li tirrigwarda t-talba relattiva għall-alimenti ta' uliedha, huwa null.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attriċi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-attriċi kienet kostretta tabbanduna d-dar konjugali minħabba raġuni ġusta, u l-konvenut mhux qiegħed imantni lilha u lill-uliedha minuri fuq imsemmija, talbet illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attriċi, għaliha u għal uliedha minuri fuq imsemmija, pensjoni alimentarja fil-post, ħin u lok li jiġu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell tal-attriċi, li biha din appellat mis-sentenza fuq imsemmija tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Diċembru, 1956;

Rat il-petizzjoni tal-attriċi appellanti pro. et ne., li biha din talbet ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija, minnha appellata, u l-laqgħa tat-talba tagħha; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti nterponiet l-appell tagħha bin-nota f'isimha personalment biss, fil-waqt li fil-petizzjoni dehret sew għan-nom tagħha personalment kemm bħala kuratriċi "ad litem" ta' uliedha minuri kif kienet qiegħedha tidher fl-ewwel istanza. Iżda l-appell, skond il-liġi, jiġi nterpost bin-nota; u ladarba fin-nota l-appellanti dehret biss għaliha nnifisha, ma setgħetx wara tidher ukoll bħala kuratriċi "ad litem" tal-minuri; għax b'hekk tkun qiegħedha testendi l-appell għall-interessi li għalihom ma jkunx sar appell. Għaldaqstant, għall-parti li tirrigwarda t-talba relattiva għall-alimenti tal-minuri, mitluba mill-attriċi bħala kuratriċi "ad litem" tagħhom, il-petizzjoni hija nulla;

Ikkunsidrat, fuq il-meritu;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża, billi tiddikjara inattendibbli u nulla t-talba tal-attriċi fil-petizzjoni bħala kuratriċi "ad litem" ta' uliedha, bl-ispejjeż kontra tagħha personalment; u tiċħad l-appell in kwantu jirrigwarda t-talba għall-alimenti għall-attriċi personalment, u fuq dan tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-attriċi.